MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 134/2007

**Carmel Mizzi u martu Theodora Mizzi**
**(ID 884347M u 648152M)**

**Vs**

**V.J. Salomone Marketing Ltd**
**Polidano Brothers Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Frar, 2007 fejn intalab li s-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu kkundannati solidalment bejniethom jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma ta` tmien mija u hamsin lira (Lm850) jew somma verjuri li tista` tigi likwidata minn dan it-Tribunal rapprezentanti valur ta` hsarat illi l-atturi garrbu fil-fond taghhom per konsegwenza ta` xogholijiet ta` zvilupp li qed jigu mwettqa fis-sit li jinsab biswit il-fond

taghhom u liema sit huwa proprjeta` tas-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Ltd u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri interpellatorji kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghax legali.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd datata 16 ta` Marzu, 2007 fejn ikkontestat it-talba attrici fis-sens illi 1) In-nullita` ta` l-avviz peress li ma hemmx indikat fejn jinsab il-fond; 2) l-atturi qabel xejn ghandhom igibu l-prova ta` l-interess guridiku taghhom; 3) Is-socjeta` eccipjenti ma wettqet ebda xoghol fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta l-ohra msemmija fl-avviz; 4) Illi l-atturi ghandhom igibu l-prova ta` l-allegati danni u tan-ness bejn ix-xoghol esegwit u d-danni sofferti u 5) Ix-xoghol esegwit mis-socjeta` eccipjenti sar skond is-sengha u l-arti u minn nies tas-sengha. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Ltd datata 15 ta` Marzu, 2007 fejn ikkontestat it-talbiet attrici fis-sens segwenti: 1) Li s-socjeta` eccipjenti ma hiex il-legittimu kontradittur stante li ma hiex il-proprjetarju tal-fond adjacenti ghal dak ta` l-atturi u kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; 2) L-istess socjeta` eccipjenti ma nkarigat lil hadd sabiex iwettaq ix-xoghol in kwistjoni; 3) Illi hija ma wettqet ebda xoghol ta` zvilupp fuq is-sit in kwistjoni u 4) Is-socjeta` eccipjenti ma hi responsabbli ghal ebda danni u fi kwalunkwe kaz ma hux minnu li l-atturi sofrew xi danni.

B'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-kawza thalliet ghal provi u trattazzjoni limitatament fuq l-eccezzjonijiet ta` natura preliminari sollevati miz-zewg socjetajiet konvenuti u cioe` fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta` Polidano Brothers Ltd u fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta` V.J. Salomone Marketing Limited.

Ezamina l-provi mressqa u cioe` x-xhieda ta` l-avukat Dr Albert Grech u d-dokument esebit u mmarkat Dok ASG.

Ha konjizzjoni tat-talba maghmula mid-difensur ta` l-atturi fis-seduta tal-25 ta` Gunju, 2007 fejn talbet il-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Limited u l-oppozizzjoni da parti tal-konsulent legali ta` din l-istess socjeta` ta` l-ahhar.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli konsulenti legali tas-socjeta` attrici u dik konvenuta V.J. Salomone Marketing Limited.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti cioe` mix-xhieda ta` l-avukat Dottor Albert Grech u mid-dokument ezebit u mmarkat Dok ASG datat 25 ta` Settembru, 2006 cioe` kwazi hames xhur qabel id-data tal-prezentata ta` l-odjerna kawza, ghandu jirrizulta bla ebda dubbju li s-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Limited ma kellha x’taqsam xejn mal-kaz in ezami u kwindi jirrizulta wkoll li s-socjeta` Polidano Brothers Ltd ma nghatat ebda nkarigu minn din is-socjeta` kif dal resto ssostni fit-tielet eccezzjoni taghha. Illi di fatti din ir-rizultanza tinsab rispekkjata fit-talba verbali dedotta mill-atturi fl-ahhar udjenza ghal korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Limited li kwindi ghandha tinqara V.J. Salomone Ltd.

Illi permezz ta` tali talba, it-Tribunal huwa tal-fehma li din ma hiex semplici talba ghal korrezzjoni f’isem ta` socjeta` li tnizzel hazin, izda addirittura talba sabiex konvenut jigi sostitwit b’konvenut iehor – fattur li certament iwassal biex jinpingi u jservi ta` pregudizzju fuq is-sustanza ta` l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` konvenuta kif imharrka. Illi din il-linja ta` hsieb tinsab konfortata mis-sentenza citata waqt it-trattazzjoni cioe` dik fl-ismijiet Walsh’s Ltd vs Awtorita` ta` l-Ippjanar moghtija mill-Qorti ta` l-Appell Sede Inferjuri datata 18 ta` Frar, 1997.

Illi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd, ghalkemm ma tressqu ebda prova dwarhom, it-Tribunal huwa tal-fehma li n-natura ta` tali eccezzjonijiet jistghu jigu

facilment mismugha, trattati u decizi flimkien mal-meritu tal-kaz in kwistjoni u kwindi f'dan l-istadju qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghhom fid-decizjoni odjerna in parte.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz in parte billi fl-ewwel lok jichad it-talba ta` l-atturi ghat-tibdil fl-isem tas-socjeta` konvenuta V.J. Salomone Marketing Ltd, kwindi jilqa` l-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta` konvenuta u konsegwentement ghalhekk jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju; fl-istess hin qieghed jilqa` t-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta Polidano Brothers Ltd u jordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-meritu, bl-ispejjez ta` din id-decizjoni in parte a karigu ta` l-istess atturi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------